MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 322/2009

**Frank Borda Limited (C-446)**
**Vs**
**Keith Pace (K.I. 327480M) u Lucienne Pace (K.I. 387880M)**
**in solidum bejniethom**

**Fil-konfront ta' Lucienne Pace biss.**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' seba' mija, erbgha u sebghin ewro u hames

centezmi (€774.05) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija lilhom mibjugha u konsenjata mis-socjeta’ attrici.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li fit-3 ta’ Frar, 2010 inghatat sentenza fil-konfront ta’ Keith Pace peress illi naqas li jikkontesta l-kawza.

Illi fl-20 ta’ Jannar, 2010 giet prezentata risposta mill-konvenuta Lucienne Pace fejn eccepixxiet illi hija ghal kollox estranja mit-transazzjoni li saret minn Keith Pace mas-socjeta’ attrici, liema transazzjoni saret meta l-eccipjenti ivvakat id-dar matrimonjali – fejn jinsab is-servizz moghti mill-kumpanija attrici.

Illi di piu u minghajr pregudizzju Keith Pace obbliga ruhu fl-abbozz tal-kuntratt ta’ separazzzjoni bejn il-kontendenti li huwa ghandu jhallas il-bilanc dovut lis-socjeta’ attrici, ad eskluzjoni tal-eccipjenti.

Bl-ispejjez  kollha kontra l-istess Keith Pace.

Ra d-dokumenti kolha ezebiti in atti.

Ra x-xhieda ta’ Lucienne Pace u ta’  Mary Grace Gauci .

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi jirrizulta li s-socjeta’ attrici bieghet ‘*air conditioning unit’* lill-konjugi Pace u qalet illi kien jonqos bilanc li kellu jithallas min-naha tal-konvenuti.  Illi dan il-bilanc huwa kopert b’serje ta’ kambjali iffirmati miz-zewg partijiet flimkien.  Illi dawn il-kambjali immaturaw izda s-socjeta’ attrici baqghet ma thallsitx.  Gie pprezentat kopja tal-ftehim ffirmat ukoll mill-konvenuti.  Il-provi nghalqu min-naha tas-socjeta’ attrici.

Illi t-Tribunal ra li kkonceda diversi seduti ghal provi tal-konvenuta Lucienne Pace izda ghazlet li ma tidhirx. Illi fic-cirkostanzi t-Tribunal huwa sodisfatt illi s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha fil-konfront ta' Lucienne Pace.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-Lucienne Pace thallas lis-socjeta' attrici fis-somma ta' €774.05 bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------